Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 378/2015

Il-Pulizja

Vs

Joseph Pisani

Illum 22 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Joseph Pisani detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 493073M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-26 ta' Marzu, 2015 ghall-habta ta' 11:00hrs waqt li kien gewwa l-Bini tal-Qorti, Triq ir-Repubblika, Valletta;

1. Hebb kontra l-persuna ta' martu, Claire Pisani sabiex jingurjha, idejjaqha jew sabiex jghamel hsara li din il-persuna jew lil haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 u dan ghas-sigurta' ta' Claire Pisani.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Lulju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 339(1)(d) u 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ordnat obbligazzjoni ghas-sigurta' tal-persuna ta' Claire Pisani taht l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sena taht penali ta' sitt mitt ewro (€600).

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Pisani, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Lulju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u tiddisponi minn dan l-appell skond din id-dikjarazzjoni.

Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgoba tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjoni dedotta u tilliberah skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Joseph Pisani huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Aggravvju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla ai fini u l-effetti kollha tal-ligi. Meta l-appellant talab kopja tas-sentenza mghotija fil-konfront tieghu sabiex jhejji l-appell tieghu, fil-15 ta' Lulju 2015 huwa inghata biss il-kopja tal-komparixxi li fuqha kien hemm il-kliem 'Art 383 Kap 9 ghal sena taht penali ta' €600', [Annessa u mmarkata bhala Dok A].

Illi minn harsa lejn dan id-dokument jidher ben car li dan ma jissodisfax ir-rekwiziti minimi stabilliti mil-ligi dwar x'ghandu jkun fiha sentenza [Vide Art. 382 tal-Kap. 9]. Huwa minnu li fi proceduri sommarji ma hijiex rikjesta r-rigorisita' procedurali li hija stabillita fi proceduri penali ohra pero' 'is-sentenza' in kwistjoni bir-rispett jigi sottomess li hija estremament ekonomika u sibiljana;

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti it-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".

L-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet issib htija fl-imputat appellant stante li ma gewx ippruvati la l-elementi tal-actus reus u wisq inqas l-elementi tal-mens rea kostituttivi tar-reat addebitat lill-esponent.

Mix-xhieda moghtija quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, anke mix-xhieda moghtija minn Claire Pisani nnifisha jirrizulta li waqt li l-imputat u Claire Pisani kienu hergin il-barra mill-awla, minhabba rassa ta' nies li kienu hdejn il-bieb tal-awla, l-imputat laqat lil Claire Pisani.

Minn l-ebda xhieda ma jirrizulta li l-imputat hebb ghal Claire Pisani.

Fid-dawl ta' dan, wisq inqas jirrizulta l-mens rea rikjesta sabiex tinstab htija. L-appellant lanqas l-aktar grad baxx ta' element intenzjonali ma kellu li jikser xi disposizzjoni tal-ligi.

Jirrizulta li Claire Pisani ma sofriet l-ebda griehi, l-anqas feriti hfief.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2016 fejn l-appell gie differiet ghas-sentenza limitatament fuq l-ewwel aggravvju sollveat mill-appellanti dwar in-nullita tas-sentenza impunjata.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghal pregudizzjali sollevata mill-appellanti dwar in-nullita tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti billi jishaq illi l-istess ma tissodisfax ir-rekwiziti stabbiliti fil-ligi fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minn ezami ta'l-atti processwali jirrizulta illi fil-fatt hemm zewg sentenzi iffirmati mill-gudikant. L-ewwel wahda hija dik miktuba mill-gudikant *di proprio pugno* fuq il-komparixxi fejn hemm irregistrat biss id-decizjoni tal-Ewwel Qorti:

**"Art.383 Kap. 9 ghal sena taht penali ta' €600."**

u dan kif solitament jigri fil-kawzi sommarji li jinstemghu quddiem l-Qorti tal-Magistrati. Jidher illi fis-seduta tat-08 ta' Lulju 2015 wara li instemghu l-provi il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza li giet miktuba mill-Magistrat kif indikat iktar 'il fuq. Illi fl-atti, izda giet inserita sentenza ohra dattilografata bl-istess data u bl-istess *decide*, u iffirmata ukoll mill-gudikant, fejn issa giet mizjuda id-dikjarazzjoni ta' htija li hija nieqsa f'dik miktuba fuq il-komparixxi mill-gudikant. Gara izda illi meta talab sabiex tinghata lilu kopja tas-sentenza u dan sabiex ikun f'posizzjoni ihejji l-appell tieghu mill-istess, l-appellanti isostni illi huwa gie moghti fotokopja tal-komparixxi bid-decizjoni fuqha u mhux dik dattilografata li tinsab fl-atti. Kien ghalhekk illi huwa issolleva n-nullita tad-decizjoni appellata billi fiha ma kienx hemm dikjarazzjoni ta' htija, izda l-piena biss. L-ebda wahda mis-sentenzi ma iggib il-firma tad-Deputat Registratur.

Issa l-artikolu 377 ighid illi meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali imbaghad jindika dak li ghandu ikun fiha is-sentenza *ad validitatem* meta jinghad:

**"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

Din id-disposizzjoni tal-ligi allura ma tinnecessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat jew inkella li din tkun wahda motivata. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali l-Pulizija vs Albert Bezzina 25.07.1994 intqal :

"il-Qorti tosserva illi la l-artikolu 377(1) u lanqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu dak li jghid il-Magistrat meta

jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza. .........”

Stabbilt allura illi dak li jidher miktub mill-Magistrat *di proprio pugno* fuq il-komparixxi huma biss in-notamenti tieghu, jifdal biex jigi stabbilit jekk allura is-sentenza dattilografata u ukoll iffirmata mill-gudikant hijiex valida skont il-ligi billi hija nieqsa fiha il-firma tad-deputat registratur.

Illi r-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x’kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita’ u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Issa ma hemmx dubbju illi id-decizjoni ta’l-ewwel Qorti hija cara fis-sens illi hija sabet htija ghall-unika akkuza dedotta fil-konfront ta’l-appellanti. Il-Qorti imbaghad ghaddiet sabiex teroga il-piena ghal dan ir-reat billi rabtet lill-appellanti b’obbligazzjoni tieghu innifsu ai termini ta’l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9. Is-sentenza hija iffirmata mill-Magistrat u allura billi ma hemmx il-firma tad-deputat registratur, il-Qorti hija tal-fehma illi din ghandha titqies bhala l-original u mhux il-kopja.

Kwindi billi l-vot tal-ligi jidher illi huwa sodisfatt, dan ma igibx in-nullita tas-sentenza impunjata billi kien bil-wisq evidenti illi abbazi tal-fatti esposti quddiem l-Ewwel Qorti, hija kienet qed issib il-htija ghall-uniku reat li bih l-appellanti kien gie akkuzat. Illi huwa minnu ukoll dak li jilmenta dwaru l-appellanti illi huwa kellu kull dritt jinghata il-kopja tas-sentenza li kellha tifforma parti mill-atti u mhux wahda imharbxa ta’ malajr biex huwa ikun jista’ jinqeda biha ghal fini biex ihejji l-appell! Izda dawn in-nuqqasijiet ghalkemm jistghu ikunu ta’ pregudizzju ghal partijiet fil-kawza ma jistghux jikkostitwixxu nullita sostanzjali tas-sentenza impunjata li hija cara fid-*decide* taghha.

Illi fuq nota finali din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi ghalkemm il-ligi ma tirrikjediex *ad validitatem* fil-kamp penali illi d-decizjoni tkun wahda motivata, madanakollu meta si tratta ta’ akkuzi ta’ natura penali fejn *addirittura* jista ikun

hemm id-deprivazzjoni tal-liberta' tal-individwu li hu wiehed mid-drittijiet fondamentali tieghu wara d-dritt ghal hajja, kull persuna li tinsab rinfaccjata bil-periklu li titlef dik il-liberta ghandha il-jedd tkun taf ir-raguni li wassal lill-Qorti sabiex itellifha dak il-jedd sagrosant salvagwardjat kemm mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Illi fil-fehma umli ta' din il-Qorti il-motivazzjoni hija l-essenza ta' kull gudikat li ghalkemm ma hemmx ghalfejn li tkun xi wahda elaborata u tista' tkun anke skematika, specjalment fil-kawzi sommarji, madanakollu b'hekk mhux biss tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat b'mod specjali fejn ser ikun hemm id-deprivazzjoni tal-liberta'. Din il-motivazzjoni ghandha tinghata minnufih mal-qari tad-decizjoni anke jekk kif inghad fi ftit kliem, izda b'tali mod illi l-persuna ikkundannata tkun tista' tifhem ir-raguni li wassal ghal dik il-kundanna. Maghdud dan, izda kif inghad, billi ma tirrizulta ebda vjolazzjoni ta' dak dispost fil-ligi, dan il-pregudizzjali ma jistax jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi il-pregudizzjali sollevat mill-appellanti qed jigi michud u l-Qorti tordna l-prosegwiment tas-smigh ta'l-appell.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur